Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ġunju, 2022 fis-6:25pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, 34, Triq Inguanez, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Alexander Craus | Sindku |
| | Is-Sra Janice Busuttil | Membru |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Membru |
| | Is-Sur Chris Farrugia | Membru |
| | Is-Sra Doris Coleiro | Membru |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Membru |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| Apoloġiji: | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Kris Grech | Membru |

50.01 **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Talba

Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa u l-membri qalu t-talba.

50.02 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru disgħa u erbgħin (49)**

Minuti

Il-minuti tas-seduta numru disgħa u erbgħin kienu mressqa għall-vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekondati mis-Sinjura Doris Coleiro wara li kienu meħuda bħala moqrija peress li kienu mgħoddija minn qabel mis-SE. Dawn kienu unanimament approvati u ffirmati.

50.03 **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 336 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 55**

Ċedoli

Iċ-ċedola tal-pagamenti numru 336 u dik tal-ordni ta' xiri u xogħlijiet numru 55 kienu approvati u ffirmati.

50.04 **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri/punti mill-minuti.**

Mistoqsijiet

50.04.01 Is-Sindku semma' l-każ tas-Sur Pawlu Grech u qal illi min-naħa tagħna qed nagħmlu minn kollox biex jerġa' jirritorna jaħdem magħna għax dan kien ta' benefiċċju kbir għal KLR.

Pawlu Grech

50.04.02 Dwar il-proposta tal-re-inawgurazzjoni tal-kotba ta' Janice Dingli, il-KLR qed jagħmel l-arranġamenti biex issir din ir-*re-launch.*

Books re-launch

50.04.03 Għad-deċiżjoni meħuda fil-laqgħa preċedenti, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi minħabba d-dakra xorta waħda se nonoraw dak li hu mitlub mill-Għaqda Maltija tan-Naħal, bid-differenza illi fit-toroq mhux urbani se mmexxu bid-*direct orders* ħalli jinqata' xorta l-ħaxix ħażin li hemm bżonn biex ma jinħarqux zoni sħaħ bħalma seħħ dan l-aħħar. Hawn Chris Farrugia semma' tal-Virtù li ġarrab grass fire u wkoll ġejna murija ritratti ta' zoni sħaħ maħruqa fl-isplużjoni tal-kamra tan-Nar tal-Mosta li tinsab fid-Dwejra fir-Rabat fejn inħarqu meded kbar ta' art. Il-Kunsill approva.

Ħaxix ħażin

50.04.04 Is-SE kien mitlub mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus jaġġorna lill-KLR dwar il-kuntratt tal-*Play Equipment* f'Bir Iljun. Is-SE qal illi propju llum reġa' ltaqa' l-bord ta' evalwazzjoni u dan hu mitlub li jagħmel ir-rapport ta' rakkomandazzjoni sa laqgħa oħra. Intant, kienu provduti samples ta' *safety rubber flooring* minn Gokker u Urban Play Ltd. Il-bord għandu mistoqsijiet/klarifiċi addizzjonali x'jagħmel u wara li jitlesta x-xogħol kollu jirrakkomanda lill-Kunsill.

Play Equipment u Safety flooring

Intant, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus żamm lill-kunsillieri infurmati bix-xogħlijiet li għaddejjin mil-ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet fi Ġnien Bir Iljun f'dak li hu trunking għall-elettriku, tqegħid ta' paving blocks u tpoġġija ta' bażijiet tal-arbli tad-dawl.

50.04.05 Dwar il-lift li se jitpoġġa fil-bini tal-Kunsill fi 8 Triq l-Isptar, dan se jkun pitless.Bħalissa ix-xogħol jinsab wieqaf minħabba s-Sovratendenza Patrimonju Kulturali li qed tissorvelja x-xogħlijiet. Lift

50.05 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' kuntratt addizzjonali ta' ġardinaġġ**

Is-SE ipproduċa r-rapport tal-Bord. Dan tqiegħed għall-approvazzjoni u l-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu illi l-offerta tingħata lill-IQ Projects Ltd alavolja kienet għola mill-istima. F'dan il-waqt is-Sindku qal illi se jkun hemm ħafna opportunitajiet biex ikun hemm ħolqien ta' *Urban Greening* peress li dan qiegħed fuq l-Agenda tal-Gvern Ċentrali u hemm ċansijiet kbar li nikkwalifikaw għal fondi nazzjonali.

50.06 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart 2022**

Ir-rapport tal-Accountant is-Sra Romina Periċi Ferrante kien mogħti mal-aġenda, meħud bħala moqri u approvat b'mod unanimu.

50.07 **Approvazzjoni tal-posti tal-kabbani tal-Festa ta' San Pawl 2022**

Il-lista tal-kabbani pprovduta kienet meħuda bħala moqrija. Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus kellu oġġezzjoni għal żewġ stands waħda fi Pjazza tal-Parroċċa bejn il-Grotto Tavejn u l-La Piazza u l-oħra quddiem il-ħanut KVH bejn Triq Santa Rita u l-Pjazza tal-Parroċċa. Il-kunsillieri qablu illi dawn il-permess ma jinħarġux biex ma jkunux ta' skumdita' għar-residenti in vista wkoll illi minn tliet snin 'l hawn kompla jonqos l-ispazju bl-approvazzjoni ta' mwejjed u siġġijiet quddiem il-bars/ristoranti mill-MTA.

50.08 **Jum ir-Rabat (Ġieħ ir-Rabat) 2022**

Dwar Jum ir-Rabat 2022 ħadna konferma illi dan jista' jsir quddiem il-Bażilika u l-Arċipriet m'għandux oġġezzjoni, kif ukoll biex il-preżentatriċi tkun is-Sra Angela Agius.

Dwar in-nomini għal Ġieħ ir-Rabat, is-Sindku qal illi hu tal-fehma illi jingħataw tlieta peress li fl-2020 u 2021 ma ingħatawx minħabba li ma kienetx organizzata Jum ir-Rabat fil-Pandemija Covid 19.

Ġiegħ ir-Rabat 2022

| Nomina kkunsidrata | Sindku/Kunsillier | Raġuni |
|---|---|---|
| Reno Bugeja* | Is-Sur Chris Farrugia | Xandar Rabti (kamra tal-aħbarijiet ta' TVM) |
| Pulizija tal-Komunità | Is-Sur Chris Farrugia | Salva ħajja ta' tarbija |
| Keith Azzopardi | Is-Sur Sandro Craus | Ambaxxatur għal-Malta fl-Amerika |
| Joe Galea | Is-Sur Sandro Craus | Qed iħaddem eks priġunieri fil-fabbrika tax-xemgħa tiegħu |
| Kan Louis Suban | Is-Sur Sandro Craus | L-eks Arċipriet għamel ħafna xogħlijiet fil-Parroċċa, waqqafha Bażilika u kien protagonist biż-żjara tal-Papa |
| Douglas Barbaro Sant | Is-Sur Rudolph Grima | Kien ingħata rikonoxximent għax tela' l-Muntanja Kilimanjaro u issa telgħa l-Ukranja bil-mediċini, billi organizza l-trasport tal-massa biex jiehu l-mediċini u jiġu lura jevakwaw in-nies fil-gwerra mar-Russja. |

| | | |
|---|---|---|
| Persuna mhux magħrufa | Is-Sra Janice Busuttil | Persuna li qed tagħmel il-*lunch* tat-tfal li ma jkollhomx x'jieklu. |
| Matthew Micallef | Is-Sur Sandro Craus | Ħa sehem fl-Ispecial Olympics ftit tal-ġimgħat ilu |
| Sa Antonelli | Is-Sur Sandro Craus | Ħadet sehem fl-Ispecial Olympics ftit tal-ġimgħat ilu |
| Is-Sur George Mangani | Is-Sur Sandro Craus | Ħa sehem fl-Ispecial Olympics ftit tal-ġimgħat ilu |
| Tim tar-Rabat Ajax | Is-Sur Sandro Craus | Ħadu titlu |

* Is-Sra Doris Coleiro talbet sabiex ikun ivverifikat jekk hux diġa' ħa rikonoxximent tal-ħidma tiegħu u qalet ukoll li għandu jingħata Ġieħ lil persuna waħda.

50.09 **Talba biex parti minn Triq Doni (bejn Misraħ L'Isle Adam u Triq San Pawl) tissemma' għall-Isqof Silvestru Magro u aġġornament tat-talbiet pendenti.**
Kien hemm qbil unanimu biex issir talba lill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq biex Triq Doni fil-parti li minn Triq San Pawl tieħdok lejn Pjazza L'Isle Adam, tissejjaħ Triq l-Isqof Silvestru Magro.

Triq l-Isqof Silvestru Magro u Triq il-Bażilika

F'dan il-waqt is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq it-talba preċedenti biex Triq Santa Rita jinbidlilha isimha u tissemma Triq il-Bażilika. Hu qal illi jifhem li hemm diversi stabbilimenti li se jkollhom ibiddlu l-indirizzi f'każ li tiġi aċċettata t-talba. Madankolu hu qal illi biex jagħmlu dan it-tibdil ir-residenti, il-KLR se jgħin biex tinbidlilhom il-karta tal-identità. Kien hemm qbil unanimu biex issir ukoll din it-talba lill-Kumitat fuq imsemmi jiġifieri biex Triq Santa Rita tiġi Triq il-Bażilika.

50.10 **Punti Oħra**

50.10.1 Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus u s-SE infurmaw lill-kunsillieri illi kienu f'Catania għal-Seminar li ttella' mill-*Lead Partner* ġewwa l-Università ta' Catania minħabba l-Proġett GIFLUID flimkien mar-rappreżentanti l-oħra Maltin mill-Aġenzija tal-Ilma u l-Enerġija. Dan il-proġett hu propju dak li ssemma' wkoll aktar kmieni f'din il-laqgħa biex ikun żviluppat il-Ġnien ta' quddiem San Duminku permezz ta' Porous Pavements, Rain Gardens u inizjattiva biex jipproteġu l-ilma tal-pjan u jonqol l-għargħar f'postijiet aktar 'l isfel bħal Triq Ġorg Borg Olivier. GIFLUID

* Is-Sur Chris Farrugia ħareġ mil-laqgħa fit-8:00pm

50.10.2 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus semma' d-Day Centre li hu ttamat illi jitla' fis-sit tal-Housing Estate ta' Għajn Qajjet. Is-Sindku informa lill-kunsillieri illi l-Lands Authority tawna in-no objection biex napplikaw għall-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar peress li l-art hija propjetà tagħhom. Day Centre

50.10.3 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq suġġeriment li kien sar tard is-sena li għaddiet dwar il-ħolqien ta' presepju *life size* mis-Sinjuri Genovese fil-Pjazza tal-Parroċċa. Is-SE se jagħmel kuntatt mas-Sur Genovese biex jiltaqgħu fl-uffiċċju tagħna u jitkellmu mal-kunsillieri interessati minn din l-inizjattiva li ddikjaraw li huma is-Sra Janice Busuttil u s-Sur Chris Farrugia. Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus qal illi dan hu stmat illi jiswa madwar €10,000.00

Leli Genovese 99459071

50.11 **Tmiem il-laqgħa u d-data u l-ħin tas-seduta li jmiss.**
Il-laqgħa ntemmet fit-20:30pm u li jmiss se ssir nhar it-13 ta' Lulju 2022 fis-6:00pm.

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum minn Sandro Craus
Segretarju Eżekuttiv Sindku